

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-16 ta' Jannar 2008**  
**— Inter-Ikea vs L-UASI — Waibel (idea)**

(Kawża T-112/06) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ invalidità — Trade mark figurattiva Komunitarja idea — Trade marks Komunitarji u nazzjonali figurattivi u verbali preċedenti IKEA — Raġuni relativa ta’ invalidità — Nuqqas ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) u Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 40/94”)

(2008/C 51/77)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Inter-Ikea Systems BV (Delft, l-Olanda) (rappreżentanti: J. Gullinksson u J. Olsson, avukati)

Konvenut: L-Uffiċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Partijiet oħra fil-kawża quddiem il-Bord ta’ l-Appell ta’ l-UASI, intervenenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza: Walter Waibel (Dingolfing, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Fottner u M. Müller, avukati)

### Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni ta’ l-Ewwel Bord ta’ l-Appell ta’ l-UASI ta’ l-10 ta’ Frar 2006 (Każ R 80/2005) dwar proċedimenti ta’ invalidità bejn Inter-Ikea Systems BV u Walter Waibel.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Inter-Ikea Systems BV hija kkundannata tħallas l-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti minn Walter Waibel fil-proċeduri quddiem il-Bord ta’ l-Appell.

(¹) ĠU C 131, 3.6.2006.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Diċembru 2007**  
**— Vodafone España u Vodafone Group vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-109/06) (¹)

(“Rikors għal annullament — Direttiva 2002/21/KE — Ittra’ kummenti tal-Kummissjoni — Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/21/KE — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Att li ma jirrigwardax lir-rikorrent b'mod dirett — Inammissibbiltà”)

(2008/C 51/78)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Vodafone España u Vodafone Group (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: J. Flynn, QC, E. McKnight u K. Fountoukakos-Kyriakakos, solicitors)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: M. Shotter u K. Mojzesowicz, aġenti)

Parti intervenjenti in sostenn tal-konvenuta: Ir-Renju ta’ Spanja (rappreżentant: M. Muñoz Pérez, abogado del Estado)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni allegatament misjuba fl-ittra tal-Kummissjoni tat-30 ta’ Jannar 2006 indirizzata lill-Comisión del Mercado de las Telecomunicaciones, abbażi ta’ l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/21/KE tas-7 ta’ Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta’ komunikazzjoniet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 108, p. 33).

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Vodafone España u Vodafone Group għandhom ibatu l-ispejjeż tagħihom u dawk sostnuti mill-Kummissjoni.
- 3) Ir-Renju ta’ Spanja għandu jbatisi l-ispejjeż tiegħi.

(¹) ĠU C 131, 3.6.2006.